

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6420/18

COASI 39
ASIE 10
RELEX 149
CFSP/PESC 168
ONU 16
COHOM 32

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6121/18

Suġġett: Il-Maldivi
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Frar 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Maldivi, kif adottati mill-Kunsill fit-3598 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Frar 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Maldivi

1. Il-Kunsill segwa bi tħassib id-deterjorament reċenti tas-sitwazzjoni fil-Maldivi, u jitlob lill kullħadd fil-pajjiż, b'mod partikolari lill-forzi tal-infurzar tal-liġi, biex jaġixxu b'moderazzjoni.
2. Il-Kunsill ħa nota tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Maldivi, f'formazzjoni kullegjali, tal-1 ta' Frar 2018 li terġa' tiftaħ il-kwistjoni tal-validità tal-proċedimenti kriminali kontra figuri politiċi ewlenin u tordna li jiġu liberati minnufih. Il-Qorti Suprema ddeċidiet ukoll dwar l-insedjament mill-ġdid ta' 12-il membru tal-Parlament.
3. Il-Kunsill jissottolinja li l-Parlament u l-Ġudikatura għandhom ikunu jistgħu jirritornaw għall-funzjonament normali tagħhom skont il-Kostituzzjoni.
4. Il-Kunsill jistenna li l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Maldivi jneħħu minnufih l-Istat ta' Emerġenza u jistabbilixxu mill-ġdid id-drittijiet kollha ggarantiti mill-kostituzzjoni. Il-Kunsill jitlob lill-awtoritajiet tal-Maldivi biex jirrispettaw l-istat tad-dritt u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni u d-dritt ta' proċess ġust. Il-Kunsill jikkundanna l-arresti motivati politikament u jitlob li l-priġunieri politiċi kollha jinħelsu minnufih. Il-Kunsill jikkundanna wkoll kull indħil fil-ħidma tal-Qorti Suprema tal-Maldivi u l-azzjonijiet meħuda kontra l-ġudikatura u l-imħallfin.
5. Il-Kunsill huwa mħasseb ukoll dwar l-impatt possibbli tal-qagħda preżenti fuq is-sigurtà ta' residenti barranin u viżitaturi, inkluż turisti.
6. Il-qagħda preżenti mhix konformi mal-prinċipji ta' tmexxija demokratika u s-separazzjoni tas-setgħat. Jekk is-sitwazzjoni ma titjiebx, il-Kunsill jista' għaldaqstant jikkunsidra miżuri b'mira speċifika.
7. Il-Kunsill jitlob lill-Gvern tal-Maldivi biex jinvolti lill-mexxejja tal-oppożizzjoni fi djalogu ġenwin li jwitti t-triq għal elezzjonijiet Presidenzjali kredibbli, trasparenti u inklużivi. L-UE lesta tappoġġa l-faċilitazzjoni min-NU ta' djalogu bħal dan.